# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Ġunju, 2021.**

**Numru 11**

**Ċitazzjoni numru 1099/03/1 SM**

**Jeremy S. Harris bħala mandatarju ta' Stuart Creggy**

**v.**

**Patrick Spiteri u Sylvana Spiteri**

1. B'rikors preżentat fl-20 ta' Mejju, 2021, l-appellant Dr. Patrick Spiteri talab lill-qorti tagħtih il-benefiċċju tal-garanzija skont l-Art. 904 tal-Kap. 12. Fl-1 ta' Ġunju, 2021, l-attur nomine wieġeb. Imbagħad fis-seduta tal-14 ta' Ġunju, 2021, xehed l-appellant u saru sottomissjonijet mid-difensuri tal-partijiet.

2. Skont l-Art. 249 tal-Kap. 12, garanzija għall-ispejjeż tingħata bid-depożitu ta' flus likwidi jew billi tinħareġ garanzija bankarja ta' bank li jkollu liċenza skont l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju. Il-liġi ma tikkontemplax metodu ieħor ta' garanzija fil-każ tal-appellant, eżempju ipoteka fuq immobbli tal-appellant.

3. F'dan il-każ il-garanzija għall-ispejjeż hi €18,722.80 dritt tar-reġistru u €25,904.71 dritt tal-avukat u prokuratur legali, total ta' €44,627.51. Mill-provi li nġabru jirriżulta li għalkemm l-appellant hu sid ta' immobbli, m'għandux il-likwidita` sabiex jiddepożita dik is-somma fil-qorti. Għalkemm mid-domandi li bdew isirulu in kontro-eżami saret ukoll referenza għal somma flus li fil-kawża ta' separazzjoni li għandu mal-appellata Sylvana Spiteri allegatament ammetta li għandu, ma nġabitx prova tal-istess. Kulma kellu jsir hu li l-appellata tippreżenta kopja ta' dik l-allegata dikjarazzjoni. Inoltre meta xehed quddiem din il-Qorti, l-appellant ċaħad li l-flus huma tiegħu u anzi nsista li huma flus tal-*partner* li għandha l-qligħ tagħha. L-appellant bil-ġurament insista li m'għandux impjieg u qligħ u jgħix bl-għajnuna finanzjarja li jagħtuh il-ġenituri u omm il-partner tiegħu.

4. Hu fatt li l-appellant ma ressaqx prova li talab lil xi bank lokali sabiex jagħti garanzija bankarja għall-ispejjeż tal-appell. Madankollu, minn dak spjegat fir-rikors relattiv u wkoll il-kopja tad-digriet tal-Qorti Kriminali

mehmuż mal-istess, x'aktarx li kieku talab garanzija mingħand bank lokali, ma kienx ser jingħata dik il-garanzija. Dan iktar u iktar meta minn dak li fehmet il-qorti, għad hemm proċeduri Kriminali pendenti kontrih u n-natura tal-akkużi kontrih.

5. Għal dak li jikkonċerna r-rekwiżit ta' *probabilis causa litigandi*, fid-deċiżjoni **Louis Borg v. Salvatore Busuttil** tal-15 ta' Diċembru, 1997, din il-Qorti qalet:

> *"Ma hemmx għalfejn jingħad li l-probabilis causa litigandi li timporta li jiġi determinat bażi ta' dritt u ta' fatt li jilleġġittimaw l-appell intavolat mill-appellant b'mod li jiġi minn din il-Qorti kkunsidrat li dan l-appell ma kienx wieħed frivolu u vessatorju u li allura kien jipprospetta sitwazzjonijiet ta' fatt u konsiderazzjonijiet ta' dritt li jimmeritaw approfondiment minn din il-Qorti għandha tirriżulta mill-atti proċesswali u mill-provi allura prodotti quddiem l-Ewwel Qorti"*.

6. Il-kwistjoni kollha fil-meritu hi dwar jekk il-flus li ngħataw lill-appellant, kinux proprjeta` tal-attur Creggy jew ta' terzi. Fil-fatt l-eċċezzjoni tal-konvenut fil-meritu hi, *"....... li l-konvenuti ma jżommu f'idejhom l-ebda somma flus li hi proprjeta tal-attur; illi huwa qatt ma rċieva flejjes jew assi oħra proprjeta tal-attur u kwindi ma għandu jagħti xejn lill-attur personalment"* (fol. 26). L-attur jistrieħ fuq l-Art. 1909 tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi li, *"Id-depożitarju m'għandux jedd jitlob illi d-depożitant jipprova li hu sid il-ħaġa ddepożitata"*. L-argument tal-appellant hu li Creggy ma kienx il-klijent tiegħu u li l-flus kienu ta' terzi (ara per eżempju l-affidavit tiegħu a fol. 18). Ovvjament dawn il-kwistjonijiet ser jinvolvu eżerċizzju ta' apprezzament tal-provi li jrid isir minħabba l-aggravji dwar il-meritu.

Dan apparti li jridu jsiru konsiderazzjonijiet ta' dritt fosthom jekk il-każ in eżami kienx wieħed ta' depożitu, u f'kull każ jekk dak allegat mill-appellant kienx jibdel il-posizzjoni ta' Creggy fil-konfront tal-appellant.

7. Fiċ-ċirkostanzi l-qorti żgur li ma tistax tikkonkludi li mad-daqqa t'għajn l-appell tal-appellant hu fieragħ u/jew vessatorju. Jeħtieġ li din il-Qorti tikkunsidra l-ħafna provi li nġabru quddiem l-ewwel Qorti u wkoll jitqiesu punti ta' dritt. Dan apparti li hemm ukoll kwistjonijiet ta' natura proċedurali fosthom dwar sentenza estera li ngħatat minn qorti Ingliża u li l-appellant ressaq bħala prova, u li dwarha l-ewwel Qorti tat digrieti li wasslu sabiex ma tikkunsidrahiex bħala prova. Digriet li dwarhom sar appell mill-appellant.

Għal dawn il-motivi tilqa' t-talba tal-appellant magħmula bir-rikors tal-20 ta' Mejju, 2021, u tagħtih il-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament.

Spejjeż ta' dan il-provvediment a karigu tal-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da